**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 10 ta' Ottubru 2001.

Pulizija
Spettur Helga Debono

Vs

Anthony Grech.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Grech ta' 27 sena, iben John u Rita nee' Agius, imwieled Pieta' fit-13 ta' Novembru 1973, u residenti Block 16, Flat 6, Triq l-Iskola, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 522173 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer f'April u f'Lulju tas-sena 2000 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' Lm2,492.95 ghad-dannu tal-Bank of Valletta, APS, Michele Peresso, Digital 2000, Chris Camilleri, Adrian Agius, u diversi persuni ohra u dan billi prezenta cekkijiet tal-APS Bank u tal-BOV lil Michele Peresso,

Digital 2000, Northern Electronics u dan bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Anthony Grech hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.